SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 26/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 28/01/'13 26**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 28/01/'13 35**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.30a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Jannar 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza

3. Co-option ta' Tlett Membri
4. Komunikazzjoni miċ-Chairman
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

1.2.02 Qabel bdiet il-laqgħa s-Sindku rringrazzja liż-żewġ membri talli dejjem żammew l-impenn tagħhom lejn il-Kumitat Amministrattiv.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 24c/KA1/12 u 25/KA1/12 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 7664 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 60/2012 – Allegati abbużi fil-lokalitajiet fuq id-dwal tat-toroq. |
| P836 | Talba mingħand is-Sur Mark Grima sabiex issir loading/unloading bay viċin is-"Shivas" fi Triq Dragunara. |
| P846, KA247 P849 | Korrispondenza rigward xogħolijiet fuq il-bankina ħdejn id-dar bin-numru 98 Triq Spinola. |
| P864,KA237 & P828 | Ittra mingħand Schranz Ltd rigward xogħlijiet li saru fuq il-bankina fi Triq Spinola. |
| P871 | Talba mingħand il-Perit Anthony Muscat sabiex isiru xi bollards fuq il-bankina ħdejn T & T Malta Delux fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Dobbie. |

P58 & P884 Korrispondenza mingħand il-Goden Tulip Vivaldi Hotel rigward talba għal road hump, double yellow lines u tow zone.

P38 Email mingħand it-Transport Malta rigward it- *taxi stand* ġo Triq id-Dragunara.

P39 Email mingħand it-Transport Malta rigward it- *taxi stand* ġo Triq Ball.

P50 Ittra mingħand ir-Rokna Enterprises Ltd rigward *pedestrian crossing* ġo Triq il-Knisja quddiem ir-Rokna.

384 Stima ta' xogħolijiet mingħand is-Sur Raymond Attard ghal tindif fl-area ta' Xatt is-Sajjieda li jinfed għad-djar ta' Triq Spinola.

P60 & KA 25 Korrispondenza b'konnessjoni ma' fattura, numru 133,303, mingħand Emmanuel Grech Co. Ltd.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P836

2.02 B'riferenza għat-talba mingħand is-Sur Mark Grima sabiex issir loading / unloading bay viċin is-Shivas fi Triq Dragunara, l-Kumitat oġġezzjona għat-talba li saret.

Rif. Nru. P846, KA 247 & P 849

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward ix-xogħolijiet fuq il-bankina ħdejn id-dar bin-numru 98 fi Triq Spinola. Is-Sindku nforma lill-Kumitat li hu, l-Perit tal-Kunsill, il-Kuntrattur u l-klijent diġa' iltaqghu fuq il-post dwar din il-materja. Ġie deċiż unanimament li tintalab risposta bil-miktub mingħand il-Perit tal-Kunsill.

Rif. Nru. P864, KA237 & P828

2.04 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand Schranz Ltd rigward xogħlijiet li saru fuq il-bankina fi Triq Spinola. Il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li tintbagħat ittra lil Schranz Ltd fejn filwaqt li jiġi rringrazzjat tax-xogħol li

għamel jiġi nfurmat li l-Kumitat Amminisrattiv ma jistax jaċċetta li jsir il-pagament. Dan minħabba li:-

a) x-xogħol sar mingħajr il-kunsens tal-Kumitat Amministrattiv.

b) Il-Kunsill diġa għandu kuntrattur li jagħmel dawn ix-xogħolijiet u dan ix-xogħol seta sar mill-kuntrattur tal-Kunsill.

Rif. Nru. P871

2.05 Saret riferenza għat-talba minghand il-Perit Anthony Muscat sabiex isiru xi bollards fuq il-bankina ħdejn T&T Malta Deluxe fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Dobbie.

Ġie deċiż li l-Kumitat Amministrattiv ma jsibx oġġezzjoni li jsiru dment li l-klijent tal-Perit japplika hu għall-permessi meħtieġa u li dawn isiru għas-spejjeż tiegħu.

Rif. Nru. P58 & P884

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Golden Tulip Vivaldi Hotel rigward talba għal road hump, double yellow lines u tow zone. Il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li ssir rakkomandazzjoni lit-Transport Malta.

Rif Nru. P38

2.07 Saret riferenza għal email mingħand it-Transport Malta b'konnessjoni mat-talba għal *Taxi Stand* ġdida ġo Triq Dragunara. Ġie deċiż li t-Transport Malta tiġi nfurmata li l-Kumitat Amministrattiv qed joġġezzjona għax:-

a) jidhirlu li hemm biżżejjed *Taxi Stands* fil-lokal;

b) madwar mitt metru 'l bogħod diġa hemm *Taxi Stand;*

c) minħabba li diġa teżisti l-problema tal-parkeġġ fil-lokalita' il-Kumitat ma jixtieqx li jitnaqqas l-parkeġġ għall-pubbliku.

Rif. Nru P39

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta b'konnessjoni mat-talba għal *Taxi Stand* ġdida ġo Triq Ball. Ġie deċiż li t-Transport Malta tiġi nfurmata li l-Kumitat Amministrattiv qed joġġezzjona għax:-

a) jidhirlu li hemm biżżejjed *Taxi Stands* fil-lokal;

b) madwar mija u ħamsin metru 'l bogħod diġa hemm *Taxi Stand;*

c) minħabba li diġa teżisti l-problema tal-parkeġġ fil-lokalita' il-Kumitat ma jixtieqx li jitnaqqas l-parkeġġ għall-pubbliku.

Rif. Nru. P50

2.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand ir-Rokna Enterprises Ltd rigward *pedestrian crossing* ġo Triq il-Knisja quddiem ir-Rokna. Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li din il-*pedestrian crossing* la saret mill-Kunsill u lanqas mill-Kumitat Amministrattiv, iżda kienet saret meta sar l-embelishment ta' Paceville mill-Gvern Ċentrali. Madankollu ser issir rakkomandazzjoni lit-Transport Malta biex din tersaq fil-viċinanza tal-Knisja tal-Bon Consil.

Rif. Nru. 384

2.10 Saret riferenza għal-istima ta' xogħlijiet mingħand is-Sur Raymond Attard għal tindif fl-area ta' Xatt is-Sajjieda li jinfed għad-djar ta' Triq Spinola. Il-Kumitat Amministrattiv aċċetta din l-istima.

## 3 Co-option ta' Tlett Membri

3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat dwar is-sitwazzjoni tal-postijiet li ġew iddikjarati vakanti fil-Kumitat Amministrattiv. (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Membri javviċinaw lill-partiti li jirrappreżentaw.

| | |
|---|---|
| **4** | **Komunikazzjoni miċ-Ċermen** |
| 4.01 | Iċ-Ċermen reġa rrangrazzja lis-Sur Joe Oliva tas-serjeta' li dejjem wera fil-Kumitat Amministrattiv . |
| **5** | **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet** |
| 5.01 | Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'B'). |
| 5.02 | Il-Membru Joseph Oliva ssekondah. |
| 5.03 | Il-Kumitat qabel unanimament. |
| **6** | **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets** |
| 6.01 | Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 211 sa nru. 215 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'C'). |
| 6.02 | Il-Membru Joseph Oliva ssekondah. |
| 6.03 | Il-Kumitat qabel unanimament. |
| 6.04 | Il-laqgħa għax-xahar ta' Frar ser issir nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2013 fl-10.30 a.m. |
| 6.05 | Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-12.00 p.m. |

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

25/2/13

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**